# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu, 2020.**

**Numru 13**

**Rikors numru 5/11/3JD**

**Raymond u Roseanne konjuġi Cini**

**v.**

**Bertrand Gatt**

1. B'rikors preżentat fit-30 ta' April, 2019 l-atturi pproponew proċeduri ta' ritrattazzjoni mis-sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Jannar, 2019 li rrevokat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali tat-22 ta' Novembru, 2013. Sentenza li biha l-ewwel Qorti ddeċidiet:

> *"1. Tiddikjara u tikkonferma illi l-parti tal-entratura tal-fond Muscat House, Triq San Xmun, Xlendi, Munxar, mmarkat fil-pjanta Dok. RC2 hija proprjeta tar-rikorrenti soġġetta għal*

*dritt ta' passaġġ favur il-fond bla numru u adjaċenti fi Triq San Xmun, Xlendi, proprjeta' tal-konvenut;*

*2.Tiddikjara illi b'konsegwenza ta' dan, bil-pretenzjoni ta' proprjeta' avvanzata minnu, il-konvenut qiegħed jikkommetti vjolazzjoni tal-proprjeta tar-rikorrenti".*

2. Il-konvenut appella, u b'sentenza tal-31 ta' Jannar, 2019 din il-Qorti laqgħet l-appell tal-konvenut għaliex:

*"20. Għalkemm il-konvenut ma kkontestax l-allegazzjoni tal-atturi li huma sidien tal-fond "Muscat House", Triq San Xmun, Xlendi, tali provi hija sine qua non f'azzjoni bħal din odjerna. Fil-fatt fl-ewwel seduta tal- qorti tal-1 ta' Frar 2011 l-atturi ġew ordnati jippreżentaw:*

*"1. Certifikat tal-mewt ta' Josephine Muscat*

*"2. Riċerki testamentarji ta' Josephine Muscat*

*"3. Atti inter vivos jew causa mortis li juru li l-proprjeta` oġġett tal-kawża kienet proprjeta` tal-awtriċi tagħhom.*

*"21. L-atturi fil-fatt esebew iċ-ċertifikat tal-mewt ta' Josephine Muscat, ir-riċerki testamentarji tagħha, u anke l-kuntratt tad-diviżjoni tal-1992 (biex juru li l-proprjeta` "Muscat House" kienet tal-istess Josephine Muscat). Għalkemm fir-rikors tagħhom jinvokaw it-titolu ta' proprjeta` fuq il-fond "Muscat House" abbażi tat-testment ta' Ġużeppa Muscat tat-23 ta' Mejju 2005, wara li ppreżentaw ir-riċerki testamentarji tal-istess Ġużeppa Muscat minn fejn jirriżulta li kienet għamlet testment ieħor, huma għażlu li ma jippreżentawx tali testment.*

*"22. Bil-fatt li l-atturi naqsu milli jipproduċu l-aħħar testment ta' Ġużeppa Muscat ġie li ma pprovawx li huma s-sidien tal-fond "Muscat House". Dan il-fatt sfuġġa mhux biss lill-ewwel Qorti iżda wkoll lill-konvenut appellant stante li m'hemmx riferenza f'dan is-sens fir-rikors tal-appell tiegħu. Madanakollu fl-eżerċizzju li għamlet din il-qorti sabiex tistabbilixxi jekk l- ispazju in disputa (skont it-testmenti/kuntratti esebiti) jifformax parti mill- fond 53, Triq San Xmun, Xlendi (kif isostni l-konvenut appellant) jew jifformax invece parti mill-fond adjaċenti "Muscat House", Triq San Xmun Xlendi, ma setgħetx ma tindunax bil-fatt li l-atturi ma pprovawx it-titolu tagħhom fuq il-fond "Muscat*

> *House"; fatt li m'għandux jiġi injorat leġġerment. Lanqas ma tista* ***tassumi*** *li t-testment tal-2006 (li baqa' ma ġiex esebit mill-atturi) jikkonferma li huma eredi universali ta' Ġużeppa Muscat, kif provdut fit-testment preċedenti tal-2005. Kif wara kollox jargumenta l-konvenut appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, il-grad ta' prova tat-titolu tal-attur f'kawża ta' rivendika huwa wieħed rigoruż, u* ***bil-fatt li l-atturi naqsu li jipproduċu kopja tat-testment tal-2006, huwa insaput jekk huma effettivament wirtux il-fond "Muscat House" mingħand Ġużeppa Muscat.***
>
> *"Stabbilit dan kien għalhekk tassattiv għall-appellanti illi jipprovaw it-titolu tagħhom mingħajr dubju biex il-Qorti tilqalgħhom l-istess talbiet".*

3. F'dan il-proċediment l-ilment tal-atturi hu li fis-sentenza tal-31 ta' Jannar, 2019 din il-Qorti għamlet żball ta' fatt (artikolu 811(l) tal-Kap. 12). Argumentaw li t-tieni testment, dak li Guzeppa Muscat għamlet fis-sena 2006, ma kellu x'jaqsam xejn ma' Muscat House u qatt ma ssemma mill-konvenut. Żiedu li fil-kors tas-smiegħ tal-kawża l-fatt li wirtu l-fond u kienu s-sidien tiegħu ma kienx kontestat, u saħansitra kien *"... ammess formalment mill-konvenut ritrattat u debitament reġistrat bħala tali fl-Atti, sa mill-mument tal-preżentata tar-Risposta Ġuramentata tiegħu fl-ewwel stadju tal-kawża"*. F'dan il-kuntest għamlu riferenza għall-paragrafu 4 tat-tweġiba ġuramentata li l-konvenut ippreżenta fl-ewwel Qorti.

4. Il-konvenut wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn fil-fehma tiegħu t-talbiet tal-atturi għandhom ikunu miċħuda. Hu jinsisti li l-atturi baqgħu ma ppreżentawx l-aħħar testment ta' Guzeppa Muscat u għalhekk fl-atti ma kienx hemm l-aħjar prova li l-atturi huma s-sidien ta' Muscat House. Il-

prova li kienu s-sidien setgħet issir biss billi jippreżentaw kopja tal-aħħar testment.

5. L-Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 jipprovdi li ritrattazzjoni tista' ssir:

> *"jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.*
>
> *"Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita' tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-supposizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verita' tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkun punt ikkontestat illi jkun ġiet deċiż bis-sentenza"*.

6. Fis-sentenza **John Zammit v. Michael Zammit Tabona et** tat-22 ta' Jannar, 2001 din il-Qorti qalet li r-rekwiżiti taħt paragrafu (l) huma:-

> *"Ghalhekk huwa necessarju illi: (1) l-izball ikun zball materjali ta' fatt u mhux zball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni; (2) l-izball jirrizulta mill-atti u minn dokumenti tal-kawza, u ghalhekk hija assolutament inammissibbli l-produzzjoni ta' atti u dokumenti godda biex tigi fornita l-prova ta' l-izball; (3) Illi l-istess zball ikun manifest. Tali cioe', li jemergi mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti u dokumenti tal-kawza, b'mod li jkun jidher prodott esklussivament mis-semplici inavvertenza tal-gudikant; (4) Illi l-izball ikun iddetermina d-decizjoni tal-gudikant, jigifieri illi l-istess zball ikun jikkostitwixxi l-fondament principali tas-sentenza, u ghalhekk ma jkunx hemm lok ghar-revoka tas-sentenza jekk dina, ghalkemm vizjata minn zball ta' fatt manifest, tkun tista' tigi sorretta b'ragunijiet ohra indipendenti minn dik zbaljata; (5) Illi l-ezistenza jew l-inezistenza tal-fatt li fih manifestament ikun zbalja l-gudikant ma tkunx iffurmat punt ta' kontroversja, jigifieri punt kontradett u diskuss bejn il-partijiet li fuqu s-sentenza tkun ippronunzjat".*

7. F'dan il-każ is-sentenza ta' din il-Qorti kienet bażata fuq il-fatt li l-atturi ma ppreżentawx l-aħħar testment ta' Guzeppa Muscat, u għalhekk

m'għamlux il-prova li huma s-sidien ta' Muscat House, Triq San Xmun, Xlendi, Munxar.

8. Il-Qorti kkonkludiet li m'hemmx prova li l-atturi huma s-sidien tal-fond għaliex ma ppreżentawx l-aħħar testment ta' Guzeppa Muscat. Għalkemm hu veru li ma ppreżentawhx, pero' hu evidenti li l-Qorti sfuġġitilha d-dikjarazzjoni li għamel il-konvenut fir-raba' paragrafu tat-tweġiba ġuramentata;

> *"4. Illi dwar dak dikjarat fir-rikors l-esponenti jirrilevaw illi huwa minnu dak li jgħid ir-rikorrent li huwa wiret il-fond Muscat House, Triq San Xmun, Xlendi, Munxar kif jingħad fir-rikors"*.

9. Dikjarazzjoni li biha l-konvenut ikkonferma li l-atturi kienu wirtu l-fond Muscat House u għalhekk kienu s-sidien. In vista ta' dik id-dikjarazzjoni li qegħda fl-atti, ma kienx hemm il-ħtieġa li l-atturi jippreżentaw kopja tal-aħħar testment ta' Guzeppa Muscat. B'dik id-dikjarazzjoni l-konvenut jaqbel li l-atturi huma s-sidien tal-fond. Li l-atturi huma sidien ta' Muscat House, hu fatt materjali li jirriżulta mill-atti. Għalhekk hemm żball manifest bejn dak il-fatt u l-konklużjoni tal-Qorti li l-atturi ma tawx prova li huma s-sidien tal-fond. Żball li hu riżultat ta' inavvertenza tal-Qorti li naqset milli tikkunsidra bħala prova d-dikjarazzjoni tal-konvenut fir-raba' paragrafu tat-tweġiba ġuramentata.

10. Il-konvenut m'għandux raġun li l-prova li l-atturi huma s-sidien tal-fond kellha ssir billi jippreżentaw l-aħħar testment li għamlet Guzeppa Muscat. Hu stess fit-tweġiba ġuramentata iddikjara li l-atturi wirtu Muscat House. Fatt li dwaru ma kienx hemm kontroversja u għalhekk ma kinitx meħtieġa xi prova oħra li l-atturi huma s-sidien tal-fond.

11. Wara li l-konvenut ippreżenta t-tweġiba ġuramentata, ovvjament l-atturi kellhom jagħtu prova li l-ispazju oġġett tal-kawża kienx jifforma parti mill-istess fond li hemm qbil li l-atturi kienu wirtu mingħand Guzeppa Muscat. Dak hu l-punt in kontestazzjoni, li l-Qorti ma ddeċiditx dwaru proprju għaliex ikkonkludiet li l-atturi ma ressqux prova li huma s-sidien ta' Muscat House.

12. B'hekk hemm ir-rekwiżiti kollha li trid il-liġi taħt paragrafu (l) tal-artikolu 811, sabiex titħassar is-sentenza li din il-Qorti tat fil-31 ta' Jannar, 2019 u l-appell jinstema' mill-ġdid.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-atturi u:

1. Tħassar is-sentenza li tat din il-Qorti fil-31 ta' Jannar, 2019.
2. Tordna li l-appell Raymond Cini et vs Bertrand Gatt (5/2011/2) jinstema' mill-ġdid.

Spejjeż a karigu tal-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr